MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Appell Civili Numru. 853/2009/1

**Martin Farrugia (K.I. 122182M)**

**vs**

**Saqqajja Caterers Limited (C-15108)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fid-29 ta' Ottubru 2010 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"It-Tribunal,*

*Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u hamsin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€550.82) rapprezentanti servizzi prestati lis-socjeta' konvenuta. Illi l-kontendenti kienu ffirmaw ftehim fit-2 ta' Dicembru, 2008 li fost affarijiet ohra fi klawzola tlieta (3), kien jistipola li jekk il-Malta Enterprise taccetta l-*

*applikazzjoni tas-socjeta' konvenuta ghall-ghajnuna sabiex itejjeb l-efficjenza energetika tal-istabiliment tieghu taht l-ERDF Energy Grant Scheme huwa kellu jhallas lill-attur 3% tal-valur tal-grant jew sussidju li jircevi; ammont dovut lilu, fil-kapacita' tieghu, ta' EU Grants and Subsidies Consultant. L-applikazzjoni giet accettata u attur kellu jithallas s-somma ta' disa' mitt ewro u tnejn u tmenin centezmu (€900.82) li minnhom thallsu tliet mija u hamsin (€350) mis-socjeta' konvenuta. Kien baqa' l-bilanc fit-talba sabiex jithallas.*

*Is-socjeta' konvenuta naqset milli thallas dan l-ammont minkejja li l-attur interpella sabiex is-socjeta' konvenuta tirregola ruhha skont ittra mibghuta fit-2 ta' Setttembru, 2009.*

*Bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-prezenti nkluz dawk tal-ittra interpellatorja u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn intqal illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi l-partijiet kienu ftehmu li r-rikorrenti kellu jithallas jekk il-progett kellu jsir u l-progett ma sarx.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

*Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.*

*Sema' x-xhieda ta' Martin Farrugia u Randolphe Camilleri.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi mill-provi jirrizulta li l-attur joffri servizzi ta' konsulenza ghall-ghajnuna mill-fondi tal-Unjoni Ewropea (U.E.) li*

*jaqghu taht skemi fi hdan il-Malta Enterprise. Illi l-esperjenza tal-attur f'dan il-qasam tghin lill-persuni li jkunu qeghdin jippruvaw jottjenu ghajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropeja (U.E.) ghal vari progetti.*

*Illi fil-kaz in ezami l-attur qal illi kien gie ffirmat ftehim bejn il-kontendenti fit-2 ta' Dicembru, 2008, liema ftehim huwa ezebit in atti. Illi dan il-ftehim jispjega kif l-attur kellu jipprovdi s-servizzi professjonali tieghu bhala konsulent ghall-ghotja w sussidji tal- Unjoni Ewropeja (U.E.) li jkunu ta' interess lill-klijent. Illi l-attur kellu jaghmel hiltu sabiex japplika ghan-nom tal-klijent sabiex il-klijent ikun jista' jottjeni fondi li jkun eligibbli ghalihom. Illi jekk l-applikazzjoni jkollha success, il-klijent jintrabat illi jhallas 'success fee' lill-attur ekwivalenti ghal 3% tal-valur tal-ghotja jew sussidju ottenut.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal il-ftehim ezebit in atti huwa bbozzat mill-attur. Dan il-ftehim jindika li huwa bejn il-partijiet, izda jirrizultalu li l-firmatarju tal-ftehim m'hijiex is-socjeta' konvenuta indikata fit-talba izda Randolph Camilleri f'ismu personali. Illi ghaldaqstant ma jirrizultax lit-Tribunal li l-kontendenti ffirmaw xi ftehim bejniethom. It-Tribunal jirrilleva li l-ftehim prodott mill-attur isemmi biss persentagg ta' valur tal-ghotja jew sussidju u mhux ammont jew spjegazzjoni tal-progett li ghalih kien ha japplika ghall-'grant'. M'hemm imkien imsemmi ghal liema ghotja jew sussidju kien ser japplika l-attur ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Illi l-kontenut tal-ftehim ezebit in atti ma jindikax ghal liema progett il-klijent kien qieghed japplika.*

*Illi bhala prova l-attur gab biss ftehim (Dok. "MF1" a fol 11) mhux iffirmat bejn il-kontendenti izda bejn l-attur u Randolph Camilleri. Fil-ftehim hemm imsemmi ukoll illi thallsu lilu mitejn u sittin ewro (€260) bhala depozitu li jkopri spejjez inkorsi mill-attur ghal servizzi ta' ricerka, konsulenza u bbozzar tal-applikazzjoni. Illi mill-provi tal-attur huwa qatt ma ezebixxa xi dokumenti li jirreferu ghal xi ricerka jew ibbozzar tal-applikazzjoni maghmula ghall-klijent. Ghalkemm l-attur semma l-applikazzjoni huwa qatt ma gab prova ta' din l-applikazzjoni jew ix-xoghol li kellu*

*jaghmel sabiex din l-applikazzjoni tirnexxi. Skont fattura ta' €900.82 ezebita in atti mmarkata dokument MF2, a fol.12, hemm indikat fiha riferenza ghall-klawzola 3 tal-ftehim ipprezentat in atti tal-kawza fejn il-kont huwa bbazat fuq ittra ricevuta mill-Malta Enterprise datata 7 ta' Lulju, 2009, liema prova konklussiva qatt ma giet prodotta mill-attur jew minn terzi in atti.*

*Illi mill-provi tas-socjeta' konvenuta, xehed Randolph Camilleri, direttur tas-socjeta' konvenuta li qal illi l-ewwel darba li huwa kien ftiehem mall-attur kien ftiehem li jhallsu €260 u meta gie approvat il-progett mill-Malta Enterprise, l-attur talbu €900. Illi huwa spjegalu li bhala turija ta' rieda tajba l-attur kien ha jithallas €350 ghas-servizzi kollha tal-attur sa dak inhar u dwar il-kumplament infurmah illi l-ewwel kien ha jaghmel 'feasibility study' fuq il-progett li kien interessat fih u jekk kemm-il darba kien ha jirrizulta 'feasible' kien ha jhallsu l-kumplament. Izda l-istudji maghmula minn inginier u accountant rrizultaw li dan il-progett ma kienx jghodd ghalih. Intqal ukoll illi l-attur kien thallas €260 ghall-ispejjez inkorsi minnu ghar-ricerka dwar il-konsulenza u spejjez varji. It-Tribunal jirrileva li l-attur kien diga thallas fis-somma ta' €610.*

*It-Tribunal wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu huwa tal-fehma li l-ftehim imsemmi fit-talba m'huwiex bejn il-kontendenti ghaliex is-socjeta' konvenuta m'hijiex firmatarja u ghalhekk s-socjeta' konvenuta ma tistax titqies debitrici skont dak il-ftehim.*

*It-Tribunal ra li minkejja il-fatt illi l-ftehim ezebit in atti mill-attur huwa ftehim iffirmat minn Randolph Cammileri f'ismu proprju u mhux ghan-nom u in rapprezentanza tassocjeta' konvenuta, Randolph Camilleri xehed dwar il-fatti u spjega kif svolgew il-fatti u li l-unika haga li kien ghamel l-attur kien li mela formola mieghu. Illi b'kollox l-attur kien ircieva €610 konsistenti fi €260 spejjez u ricerka u €350 ghal servizzi moghtija lis-socjeta' konvenuta. Illi t-talba hija bbazata fuq ftehim bejn il-kontendenti. Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-firmatarju huwa Randolph Camilleri f'ismu personali u mhux in rappresentanza tas-socjeta' konvenuta. Illi t-Tribunal ma jidhirlux illi s-socjeta'*

*konvenuta hija marbuta mall-ftehim ezebit in atti, liema ftehim hu ftehim iffirmat minn Randolphe Camilleri f'ismu personali.*

*Illi ssemmiet applikazzjoni li giet milqugha skont ittra datata 7 ta' Lulju, 2009. Kemm xi prova dwar l-ittra hawn imsemmija jew prova ohra li tindika xi xoghol jew ricerka li kien ghamel l-attur ghal dan il-progett ma ngabitx. Illi t-Tribunal ha jistrieh fuq il-provi li ngabu quddiemu u li fic-cirkostanzi tal-kaz t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur ma ppruvax it-talba tieghu.*

*Ghalhekk minhabba nuqqas ta' provi l-attur naqas milli jipprova li s-socjeta' konvenuta hija debitrici lejh.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.*

*Bl-ispejjez sopportati mill-attur".*

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Martin Farrugia datat 18 ta' Novembru 2010 fejn talab lill-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar u taqta' u tiddeciedi illi l-attur huwa dovut is-somma pretiza minghand is-socjeta` konvenuta. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta' Saqqajja Caterers Limted datata 26 ta' April 2011 fejn talbet lill-Qorti tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet zghar fl-ismijiet premessi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra Martin Farrugia.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-28 ta' Gunju 2011 fejn l-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas- 7 ta' Lulju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-attur appellant huma (1) li d-decizjoni kienet zbaljata meta rriteniet li l-ftehim ma sarx bejn il-partijiet u dan ghaliex minn Dok. “MF 1” a fol. 11 tal-process jirrizulta li Randoph Camilleri deher u ffirma l-iskrittura f’isem is-socjeta’ konvenuta; (2) d-decizjoni marret oltre dak eccepit meta sostniet li s-socjeta’ konvenuta mhux il-legittimu kontradittur, meta dan lanqas qatt ma gie dibattut bejn il-partijiet u ghalhekk qatt ma kellha tinghata decizjoni f’dan is-sens li tissorprendi lill-partijiet (**“Gorg Gatt et vs Anthony Camilleri et”** – A.C. – 31 ta’ Mejju 2004); (3) gie deciz li l-attur ma gab l-ebda prova dwar ix-xoghol li wettaq u dan meta tali xoghol qatt ma gie kontestat mis-socjeta’ konvenuta, izda l-linja difensjonali kienet li wara li giet approvata l-applikazzjoni taghha hija ddecidiet li ma kienitx ser tiehu ebda beneficcju mill-ghajnuna finanzjarja li kienet ser tiehu mill-applikazzjoni ppreparata mill-attur, u b’hekk hija ddecidiet li ghandha thallas biss lill-attur l-ispejjez izda mhux id-dritt tieghu skond il-ftehim Dok. “FM 1”.

Illi s-socjeta’ appellata eccepiet li (1) d-decizjoni timmerita konferma (2) illi d-dokumenti pprezentati mar-rikors tal-appell ghandhom jigu sfilzati.

Illi wara li din l-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza jirrizulta li l-ewwel u tieni aggravju huma ghal kollox gustifikati u dan peress li jirrizulta li l-iskrittura privata datata 2 ta’ Dicembru 2008 jidher li giet iffirmata bejn l-attur u s-socjeta’ konvenuta u ghalhekk jirrizulta li f’dan il-kuntest l-istess decizjoni hija zbaljata bhala fatt u wkoll l-istess Tribunal ghal Talbiet Zghar ma kellux jidhol fuq punt li qatt ma tqajjem u lanqas gie diskuss bejn il-partijiet, u dan iktar u iktar meta dan ma kienx punt li l-Qorti setghet tqajjem ex ufficju. Jinghad li hlief ghall-kazijiet eccezzjonali bhal dawk appena ndikati il-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq punti mhux mertu tal-pendenza bejn il-partijiet u dan kif ritenut fil-kawza fl-ismijiet partijiet (**“Gorg**

**Gatt et vs Anthony Camilleri et"** – A.C. – 31 ta' Mejju 2004); fil-fatt lanqas ma tista' l-Qorti tiddeciedi fuq sottomissjoni maghmula mill-partijiet meta l-istess eccezzjonijiet jew difizi ma jitressqux b'mod formali fir-risposta guramentata izda biss fin-nota ta' osservazzjonijiet jew nota ta' riferenzi u dan kif ritenut fis-sentenza **"Carmelo Vella vs Angelo Zahra et"** (P.A. (RCP) - 25 ta' Gunju 2009) u **"Bank of Valletta plc vs Abbazia Company Limited"** – P.A. (RCP) – 5 ta' Mejju 2011). *Multo magis* allura meta l-Qorti tiddeciedi fuq punti li lanqas biss gew imqajjma fl-ebda stadju tal-kawza. B'hekk l-ewwel zewg aggravji qed jigu milqugha.

Illi dwar il-mertu jinghad li l-ftehim bejn il-partijiet datat 2 ta' Dicembru 2008 (Dok. "KF 1") fejn l-attur kellu jaghmel xoghol ta' konsulenza in konnessjoni ma' skemi ta' sussidju u grants mill-EU, u f'dan il-kuntest l-attur kellu japplika sabiex jakkwista tali grants li s-socjeta' konvenuta setghet kienet illegibbli ghaliha, u gie pattwit li *"should the application be successful, the Client binds himself to pay a success fee to Mr. Martin Farrugia equivalent to 3% of the grant or subsidy obtained".*

Illi jirrizulta li fil-fatt l-applikazzjoni saret fuq id-direzzjoni tal-attur, u kif ammetta Randolph Camilleri ghas-socjeta' konvenuta (20 ta' Mejju 2010 – fol. 25) l-progett gie approvat izda jidher li s-socjeta' konvenuta ma komplietx biex tesegwixxi l-istess ghaliex hasset li ma kienx *feasable*. Mela allura a bazi ta' dan, jirrizulta li l-attur esegwixxa dak li obbliga ruhu li jaghmel, u ma kienx hemm kwistjoni fil-kawza jekk l-attur esegwiex l-inkarigu tieghu, u fil-fatt l-unika eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, kienet biss li l-attur kellu jithallas biss jekk il-progett jigi esegwit mis-socjeta' konvenuta – izda din l-eccezzjoni lanqas tista' tigi accettata ghaliex il-kliem tal-ftehim datat 2 ta' Dicembru 2008 (Dok. "KF 1") huwa car, kif hawn citat, u dan fis-sens li l-ammont ta' ekwivalwenti ghal dik indikata bhala *success fee success fee success fee* kienet dovuta mal-accettazzjoni tal-applikazzjoni ghal tali sussidju jew ghotja mill-fondi tal-EU u certament mhux dipendenti fuq jekk is-socjeta' attrici attwalment issegwiex il-progett u dan johrog car mid-dicitura tal-istess skrittura,

li ma thalli l-ebda dubju dwar l-interpretazzjoni taghha, ghaliex hija skjetta u cara minnha nnfisha.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenzi **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2000) u **"Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Company Limited"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011) fejn fuq is-suggett ta' interpretazzjoni ta' kuntratt inghad li *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) dan huwa wkoll konformi mal-principju *'contra scriptum non est argumentum',* li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha, prova li ma tirrizultax li saret f'din il-pendenza.

Illi dan il-principju gie applikat konsistentement minn dawn il-Qrati u hawn issir riferenza ghas-sentenzi **"Bartolomeo Micallef vs JCR Limited"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009) fejn inghad li la darba *"minn qari tal-istess kuntratt jirrizulta car li l-kliem tal-istess ftehim jindikaw b'mod preciz x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet u dan kien li jigi trasferit bhala korp il-hanut hemm indikat, b'mod li ma hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni (**artikolu 1002) "Avukat Dottor Joselle Farrugia vs Dr. Pascal Demajo et nomine"** (P.A. (PS) - 9 ta' Dicembru 2002)"* mela allura ghandu jigi ritenut li l-intenzjoni tal-partijiet hija manifestata b'dak li jipprovdi b'mod car l-istess kuntratt u ma ghandux ikun hemm ebda lok ta' interpretazzzjoni.

Illi fis-sentenza **"John Spiteri et vs Popeye Investments Limited"** (A.C. – 3 ta' Novembru 2006) inghad illi kif *"ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet **Elena Micallef v. E.***

***Ciantar** (Vol.X.345) deciza fit-3 ta' Jannar 1884 "quando sorgono difficolta' sulla intelligenza delle condizione di un contratto e sulle conseguenze, la legge forinisce alcune norme indicative e dimostrative e criteri diretti come mezzi d'interpretazione, senza vincolare la liberta` del giudicante, tenuta a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso".*

*"Hawhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materji ta' kuntratti –*

*i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili; **Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe** (A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973);*

*ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall interpretazzjoni (Vol.XXXIV.i.p27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".*

*iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-kwalsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoko ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien **("J. Bartolo et v. A. Petroni** deciza 7 ta' Ottubru 1997")".*

*iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot (**J. Zammit v. Michael***

***Zammit Tabone et noe*** *– Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997).*

Illi dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza **"Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) fis-sens *"li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**)".*

Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Gemma Fenech vs John Bugeja"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) inghad li:-

*"Tajjeb li jigi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi huwa pacifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-dicitura tal-kuntratt hija wahda cara allua ma huwiex lecitu ghall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindahal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16".*

*"Illi imbaghad ferm assodat bhala principju ta' interpretazzjoni illi "contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur". Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga car ("**Joseph Gatt vs Joseph Galea",** Appell Civili, 14 ta' April 1975) u l-kontraenti ma jkunux jistghu jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizultax, jew jirrizulta eskluz, mill-istess kuntratt (**Vol. XXXIX.iii.p855** u r-rassenja ta' gurisprudenza f'din is-sentenza kontemplata".*

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest, kif gja inghad li l-kliem fih innifsu uzat fl-istess ftehim huwa car, u huwa konsistenti mat-tezi attrici, u certament ma tistax taht dan l-aspett tigi accettata t-tezi tas-socjeta' konvenuta, li tallega li l-ftehim kien ghaliha, li l-attur kellu jithallas biss jekk issir il-progett, u dan ghas-semplici raguni li l-ftehim

ma jipprovdix dan izda kellu jithallas biss jekk tigi accettata l-applikazzjoni, u la darba l-applikazzjoni ghal tali sussidju giet accettata, mela allura il-persentagg dovut lill-attur huwa dovut.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li t-tielet aggravju huwa wkoll ben fondat ghaliex fil-fatt is-socjeta' konvenuta qatt ma qalet li l-attur ma esegwiex l-inkarigu tieghu, anzi l-unika eccezzjoni moghtija kienet biss fis-sens li l-hlas kellu jsir mhux jekk is-sussidju jinghata, izda jekk il-progett kollu jsir, haga li ma tirrizultax mill-ftehim bejn il-partijiet. F'dan is-sens l-aggravju tal-appellant huwa wkoll gustifikat ghaliex qatt ma kien hemm kontestazzjoni li x-xoghol da parte tal-attur ma sarx, anzi jidher li dan huwa koncess mis-socjeta' konvenuta, u d-difiza taghha kienet fuq binarju iehor, li assolutament ma ghandu ebda bazi, la fattwali u lanqas legali.

Illi jirrizulta wkoll li l-valur tas-sussidju kien ta' €25,447 li jwassal ghall-*success fee* ta' 3% fl-ammont ta' €763.41 b'VAT ta' €137,41, li minnhom is-socjeta' konvenuta hallset l-ammont ta' €350, u ghalhekk baqa' bilanc ta' €550.82 li hija t-talba attrici, u ghalhekk l-appell qed jigi milqugh, id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi qed tigi revokata u minflok qed tigi milqugha t-talba attrici fl-avviz tat-talba datat 8 ta' Ottubru 2009 u michuda r-risposta tas-socjeta' konvenuta datat 3 ta' Novembru 2009.

Illi ghal kompletezza jinghad li skond l-**artikolu 145 tal-Kap. 12,** huwa permess li jigu esebiti dokumenti mal-appell u f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li tali dokumenti ma jzidu xejn ma' dak li kien hemm fl-ewwel istanza, ghaliex qatt ma gie kontestat li x-xoghol sar mill-attur u lanqas l-ammont ta' dik indikata bhala *success fee* li s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas lill-attur skond il-ftehim datat 2 ta' Dicembru 2008 (Dok. "MF 1").

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tas-

socjeta’ appellata datata 26 ta’ April 2011, **tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti Martin Farrugia fir-rikors tal-appell tieghu datat 18 ta’ Novembru 2010 inkwantu l-istess huwa konsistenti ma’ dak hawn deciz, u b’hekk tirrevoka u thassar id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet “Martin Farrugia vs Saqqajja Caterers Limited” (Avviz Numru 853/09/MK), b’dan li minflok tichad ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta appellata datata 3 ta’ Novembru 2009, u tilqa’ talba attrici fl-avviz tat-talba datat 8 ta’ Ottubru 2009 u tikkundanna lis-socjeta appellata Saqqajja Caterers Limited ihallsu lill-attur appellant l-ammont ta’ hames mija u hamsin ewro tnejn u tmenin centezmu (€550.82) bilanc minn somma akbar rapprezentanti 3% tal-valur tal-grant jew sussidju dovut lilu mis-socjeta’ konvenuta skond il-ftehim datat 2 ta’ Dicembru 2008.**

**Bl-ispejjez tal-ittra legali datata 2 ta’ Settembru 2009, tal-Mandat ta’ Sekwestru u taz-zewg istanzi kontra s-socjeta’ appellata konvenuta, u bl-imghax legali mid-data tat-23 ta’ Ottubru 2009 (notifika tal-avviz tat-talba) sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------